# IL-PARI – PASSU

Fir-Rapport tiegħu dwar l-edukazzjoni f'Malta ppubblikat fl-1879, P. J. Keenan ikkritika s-sistema tat-tagħlim tal-lingwi fl-iskejjel tagħna u ssugerixxa illi, fl-iskejjel primarji t-tfal ma kellhomx jitgħallmu żewġ lingwi barranin, jiġifieri l-Ingliż u t-Taljan. Fi żmien il-Kanonku Pawlu Pullicino, it-tfal kienu jitgħallmu l-Malti fl-Ewwel Sena biss, fit-Tieni Sena t-Taljan, fit-Tielet u r-Raba' Sena t-Taljan u l-Ingliż. Keenan qal li t-tagħlim ta' l-Ingliż kien ittraskurat u l-importanza kienet qiegħda tingħata lit-Taljan. Fil-waqt li xtaq li t-tfal Maltin jitgħallmu jaqraw bil-Malti b'kotba mhejjijin għalhekk, irrakkomanda li l-Ingliż, mgħallem permezz tal-Malti, isir fil-ġejjieni l-lingwa ta' l-iskejjel. Issuġġerixxa wkoll li t-tfal fit-Tielet Klassi, setgħu, jekk iridu, jitgħallmu t-Taljan, iżda wara l-ħin ta' l-iskola. Keenan tant ħadha bis-serjetà illi talab li dawk l-għalliema li, għal xi raġuni, ma setgħux iħaddmu din l-iskema, jiġu mġiegħla joħorġu bil-pensjoni mill-1 ta' Jannar, 1881.

Il-proposta ta' Keenan kienet daqqa ta' ħarta għal dawk li kienu favur it-Taljan, u għalhekk, opponew bl-aħrax ir-riformi proposti, aktar u aktar meta l-Kan. Pullicino kellu jirtira bil-pensjoni minn Direttur Ewlieni ta' l-Iskejjel Primarji, u minn floku laħaq bħala Direttur ta' l-Edukazzjoni Dr. Sigismondo Savona, magħruf għas-simpatiji tiegħu għall-Ingliż. Saru protesti fil-Kunsill tal-Gvern l-aktar minn Fortunato Mizzi. Dan irreżista dak, li hu sejjaħ, bħala t-tentattiv biex fl-iskejjel jiġi impost l-Ingliż għad-dannu tat-Taljan. Ta' min igħid ukoll li fis-snin ta' qabel, Sigismondo Savona kien wera li kien liberali dwar il-problema tal-lingwa. Kien jagħraf il-valur tal-Malti bħala l-lingwa waħdanija tat-tagħlim fil-livell primarju, il-ħtieġa tat-Taljan u l-validità li l-Ingliż jinxtered u jagħmel progress. Iżda Savona d-Direttur ried jimxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Keenan. Fit-tentattiv ta' l-implimentazzjoni tiegħu ġie f'konflitt dirett ma' F. Mizzi u sħabu.

Savona, imħabba d-diffikultajiet li sab ma' wiċċu, kellu jagħmel il-kompromessi. Daħħal il-qari tal-Malti f'kull klassi, tah importanza u ħareġ kotba tal-qari miktubin minn Annibale Preca bl-alfabett tax-Xirka Xemija. It-Taljan għamlu wkoll obbligatorju u mhux fakultattiv kif kien irrakkomanda Keenan, u dan kellu jibda jiġi mgħallem mit-Tielet Klassi. L-Ingliż kellu jibda mit-Tieni Klassi. Biex wieħed seta' jidħol il-Liċeo u l-Università ried jgħaddi kemm mit-Taljan, kif ukoll mill-Ingliż, għad li t-Taljan baqa' l-lingwa tat-tagħlim. Savona xtaq jagħti bejn wieħed u ieħor l-istess importanza lit-tagħlim taż-żewġ lingwi barranin, sistema li baqgħet magħrufa bħala l-"pari-passu". Lanqas din ma kienet xi ħaġa ġdida, għax fi żmien Pullicino, iż-żewġ

lingwi mxew ukoll flimkien. Iżda l-antiriformisti fehmuha li l-iskop kien biex l-Ingliż jingħata aktar importanza. Ħasbu wkoll li l-Malti seta' aktar jaqla' faċilment lit-Taljan, speċjalment bl-użu tiegħu fil-qrati. Kien żball tattiku li ħarġu qatta bla ħabel kontra t-tagħlim u l-użu tal-Malti, għad li kien hemm uħud minnhom li fehmuha li mħabba l-limitazzjoni u ċ-ċirkulazzjoni tiegħu, mhux il-Malti kien it-theddida tat-Taljan, iżda l-Ingliż.

Nistgħu ngħidu li s-sistema tal-pari-passu bdiet titħaddem fl-1880 mal-ħatra ta' Savona, għad li hu nnifsu kien kontra din is-sistema meta s-Segretarju ta' l-Istat ipproponieha formalment fl-1884. Savona irriżenja fl-14 ta' Mejju, 1887 u l-Att IX li jirregolaha ma għaddiex qabel l-1923. Il-Kummissjoni Rjali tal-1911 kienet issuġġeriet it-tneħħija tat-Taljan mill-Qorti Kriminali u tal-Maġistrati. Kienu saru protesti kbar. L-abbozz tal-liġi tal-pari-passu propost mill-gvern u approvat mill-Assemblea Leġislattiva kien jipprovdi li t-Taljan jibda jiġi mgħallem fl-ewwel klassi primarja. Fl-1923, Mons. Ferris li kien Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, għamel referendum fost il-kapijiet ta' l-iskejjel primarji. Dawn ġew mistoqsijin jekk jaqblux li t-Taljan għandu jiġi mgħallem fl-ewwel klassi primarja, wara li t-tifel ikun ilu sentejn fi klassijiet infantili. Il-biċċa l-kbira qablet ma' dan, il-ftit issuġġerew li kellu jibda mit-tieni klassi. Saru wkoll plebixxiti fost il-kleru ta' Malta u Għawdex u fost il-gradwati. Dawn riduh jidba mill-ewwel klassi. L-isqfijiet ta' Malta u Għawdex kienu favur it-tagħlim tat-Taljan u tal-Ingliż mill-ewwel klassi primarja. Iżda x-xewqa tal-gvern kienet ġiet emendata fis-Senat, u flok fl-ewwel klassi, it-Taljan kellu jibda jiġi mgħallem mit-Tielet. Il-gvern u l-Assemblea Leġislattiva aċċettaw l-impożizzjoni tas-Senat bi protesti qawwija. Il-gvern sostna li l-liġi tal-pari-passu, kif għaddiet, ma kinitx tirrifletti x-xewqa tal-poplu. Xi membri tas-Senat, bħal Mons. Apap Bologna u Dr. F. Caruana Gatto, ġew ikkritikati li bil-vot tagħhom urew l-opinjoni tagħhom personali u mhux ix-xewqa, tista' tgħid unanima, tal-kostitwenti tagħhom, jiġifieri tal-kleru u l-gradwati rispettivament. Il-Kurunell Savona u s-sur G. Zammit kienu ġew eletti illegalment fis-Senat biex jirrappreżentaw lill-Kunsill tat-Trade Unions, u skond il-gvern, lanqas dawk ma setgħu jivvutaw.

Is-sitwazzjoni li nqalgħet saħnet sewwa bejn dawk kontra u dawk favur il-pari-passu. Gerald Strickland u l-Partit tiegħu Kostituzzjonali kienu kuntrarji, għax riedu li t-tagħlim ta' l-Ingliż jieħu l-akbar sehem u jiżdied spejjeż tat-Taljan. Li l-Partit Kostituzzjonali kien qiegħed jipprova jgħolli l-livell tal-Malti, ġiet meqjusa bħala manuvra partiġjana. Kien hemm min irraġuna li permezz tal-pari-passu, il-ħtieġa li wieħed jagħżel x'lingwa jrid jitgħallem ma tibqax. Min kien favur it-Taljan kien jibża' mill-għażla, għax għalih l-għażla kienet tfisser gwerra maħsuba kontra t-Taljan, il-qerda tiegħu ippjanata bil-moħbi mis-supremazija assoluta, despotika u antinazzjonali ta' l-Ingliżi, li

b'entużjażmu superfiċjali u b'taparsi rispett urew ruħhom favur it-tagħlim tal-Malti. Dan kien kliemhom. L-antiriformisti favur il-pari-passu ġabu ħafna argumenti u raġunijiet għaliex m'għandhomx jinstabu diffikultajiet biex is-sistema sseħħ. Kien hemm min irraġuna li kien jaqbel għal kulħadd li jkollna żewġ lingwi barranin, aktar u aktar meta aħna kapaċi nitkellmuhom. Intqal li min kien favur l-Ingliż u fl-istess waqt f'sensih, ma kellux għalfejn iqanqal dik il-mibegħda kollha kontra t-Taljan. In-Nazzjonalisti issa kienu jafu bid-determin-azzjoni tal-Gvern Ingliż li jdaħħal l-Ingliż u jagħtih importanza assoluta. Il-ġlieda, illum jew għada, kellhom jitilfuha. Bl-insistenza tal-pari-passu ittamaw li almenu jżommu lit-Taljan fl-istess livell ta' l-Ingliż.

Il-Kostituzzjoni tal-1921 għarfet li l-Ingliż (bħala lingwa amminis-trattiva) u t-Taljan (bħala l-lingwa tar-rekords tal-qrati) kellhom ikunu l-lingwi uffiċjali ta' Malta. Kienu wkoll il-lingwi tal-kultura, fl-università u tat-tagħlim fl-Iskejjel Sekondarji u fil-klassijiet għoljin ta' l-Iskejjel Primarji. Ma' l-għoti tal-Kostituzzjoni tal-1921, it-tagħlim fl-università kien isir bl-Ingliż jew bit-Taljan. L-għażla kienet titħalla f'idejn il-professuri. Fil-kors tal-liġi u tat-teoloġija, il-professuri kollha kienu jgħallmu bit-Taljan. Fl-inġinerija u l-arkitettura, il-professuri kollha kienu jużaw l-Ingliż, għad li f'xi suġġetti wħud minnhom kienu jużaw ukoll it-Taljan. Fil-korsijiet preparatorji, iż-żewġ lingwi kellhom bejn wieħed u ieħor l-istess użu, bl-Ingliż ftit aktar. Is-suġġetti mgħallma fil-korsijiet kollha kienu 76, minn dawn 40 kienu jsiru bit-Taljan u 36 bl-Ingliż. Bit-Taljan kienu jgħallmu l-Professuri Mons. Formosa, Mons. Grima, E. C. Vassallo, Mons. M. Gonzi, E. Ganado, Mons. E. Vassallo, C. Mallia, L. A. Random, A. Bartolo, C. Mifsud, S. Cassar, G. Debono, G. Ullo Xuereb, A. Vassallo, A. Bartoli, Rev. A. Cuschieri, J. Borg, I. Cassar u A. Sultana. Bl-Ingliż kienu jgħallmu R. Busuttil, R. Samut, A. V. Bernard, R. V. Galea, J. L. Gatt, W. F. Nixon, R. E. Shepherd, T. Agius u A. Sultana.

Fit-22 ta' Frar 1922, il-Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika ġabar lista ta' raġunijiet li, skond il-fehma tiegħu, kienu jiġġustifikaw il-pari-passu. Dwar l-Ingliż qal li kienet il-lingwa ta' l-Imperu li tgħaqqadna mas-sudditi Ingliżi mxerrdin mad-dinja kollha. Permezz ta' dan l-ilsien, qal, naqbdu id f'id magħhom u nassoċjaw ruħna f'għaqda politika ta' aħwa. Raġuni oħra li oriġinarjament kienet inkluża, kienet tgħid li billi aħna nħobbu 'l-Imperu Ingliż u ferħanin li qegħdin taħt il-ħakma tiegħu, ngħożżu wkoll il-lingwa tiegħu. Iżda din l-aħħar raġuni imbagħad tneħħiet u ma daħlitx fil-lista tal-Ministru. Dwar it-Taljan, il-Ministru qal li kien il-lingwa tagħna nazzjonali u ma nistgħux niċħduh, li għalina t-Taljan kien l-aktar naturali għax għal sekli sħaħ kien l-ilsien adottat tagħna. Il-lingwa baqgħet is-sieħba fidila tagħna fil-ġlied li kellna tul ħajjitna għat-twettiq tal-jeddijiet tagħna politiċi. Argumenti oħra kienu li t-Taljan hu l-lingwa uffiċjali

tal-Knisja Maltija, tant għażiż għalina li nħalltuh b'għożża kbira mal-idjomi lokali waqt it-talb, bħal *sia lodato* . . .

Il-Ministru ddikjara, "Therefore we do not mean to fling it over for we are no renegades nor we want to give it a back seat, but we want to treat the Italian language like a queen, and we will make her sit side by side on the same throne with the English language in our schools. We do not want her to be treated like a slave or a servant. We want to have English and Italian without, however, renouncing to our national character for we are proud of being the children of Malta."

Tista' tgħid li x-xhieda kollha li dehru quddiem il-Kummissjoni Rjali Askwith fl-1931, taw importanza kbira lill-kwistjoni tal-lingwa u s-sistema tat-tagħlim tal-pari-passu. Lord Strickland, Mabel Stickland, Sir Augustus Bartolo, Sir Ugo Mifsud, it-tabib Pawlu Boffa, u l-avukat Nerik Mizzi, il-Prim Imħallef Arturo Mercieca, il-Professur Carlo Mallia, Enrico Vassallo, Robert Galea, Temi Zammit, Mgr. E. Dandria, R. Hamilton, eċċ . . . kienu kollha protagonisti li ressqu l-veduti tagħhom b'determinazzjoni, entużjażmu u għaqal kbir. Wieħed ma jistax ma jammirax u ma jistagħġibx bil-kapaċitajiet u l-moħħ tajjeb li kellhom. Lord Strickland ippropona tibdil fil-Kostituzzjoni ta' Malta ta' l-1921 li kellu l-għan li jelimina għal kollox l-importanza tat-Taljan fl-aministrazzjoni, fil-qrati u fl-edukazzjoni. Fil-fatt, fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni kienet irrakkomandat it-tneħħija tat-Taljan mill-iskejjel, u li ma jibqax il-lingwa uffiċjali tal-Qorti Kriminali. Ir-riformi bdew jitwettqu mill-ewwel u sal-1936, ma kienx għad fadal ħjiel tal-pari-passu. Saru protesti mill-Imħallfin, mill-Kmamar ta' l-Avukati u tal-Prokuraturi Legali, u tal-Kummerċ u wkoll mill-gradwati. Wara l-elezzjoni, il-gvern Nazzjonalista kien għamel ħiltu biex jirranġa xi ftit il-ħsara li kienet saret lit-Taljan. Fost affarjiet oħra, ħajjar il-ftuħ ta' skejjel f'Malta mit-Taljani, iżda l-Kostitutzzjoni ma damitx ma ġiet irtirata u dawk l-iskejjel ma kellhomx l-opportunità jagħmlu l-progress mistenni. Fl-1934, it-Taljan tneħħa uffiċjalment mill-qrati u l-alfabett u l-ortografija Maltija ngħataw l-ħarfien . Għall-Malti kien il-każ li, fi ġlieda bejn tnejn, igawdi t-telet. Fis-sistema tagħna edukattiva, l-aktar fl-eżamijiet, l-Ingliż ħadu sal-lum jiddomina, u aktar milli kien qatt qabel.

**J. J. Camilleri**